MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 20/2004

**Tarcisio Mercieca**

**vs**

**Paul Saliba**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta’ mija u tletin lira Maltin (Lm130.00) dovuti minnek lill-attur konsistenti fi *‘Fridge Tekno’*, mibjugh u kkonsenjat lilek.

Bl-interessi fuq din is-somma ta’ tmienja fil-mija (8%) b’effett mit-tnax (12) ta’ April tal-2002 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Dicembru 2003 u l-ittra ufficjali ta' Dicembru 2003.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2004 u lanqas dik tal-lum li fiha l-kapitoli gew ipprezentati mill-attur u approvati mit-Tribunal minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallsu s-somma ta' LM130 bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Dicembru 2003 u tal-ittra ufficcjali pprezentata fix-xahar ta' Dicembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------